

MARL



MALTA

Fuljett maħruġ mill-MARL

Għad-Dilettanti tar-Radju

Maltin u Għawdxin

Numru 20

Novembru 2007

Fiċ-Ċentru mhux permess tipjip

Mill-Editur

Ħbieb,
Nilqagħkom għal ħarġa oħra ta' dan il-fuljett ta' Novembru 2007 li hija l-20 ħarġa ta' din is-sensiela.

F'din il-ħarġa qed inġibu ftit ritratti tal-BBQ li kellna f'Settembru li għadda li ma kellniex ċans inġibuhom fil-ħarġa ta' Ottubru. B'hekk, dawk li għal xi raġuni ma setgħux jiġu jkunu jistgħu jitħajjru għal darb'oħra. Radd il-ħajr għar-ritratti jmur għal **9H5KS**.

Fil-ħarġa li jmiss ta' Diċembru se nġibulkom ukoll xi ritratti ta' dilettanti tar-radju li ħadu sehem b'koperazzjoni mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili fil-Lejl Imdawwal li sar fil-bidu ta' Ottubru fil-Belt Valletta.

Se nġibulkom ukoll xi ritratti tal-"Pasta Night" li kellna fiċ-Ċentru tal-MARL nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru.

Qegħdin inqassmu r-ritratti fuq ħarġiet differenti ħalli jekk jista' jkun inżommu l-fuljett id-daqs tas-soltu u jkollna wkoll spazju għal xi nformazzjoni, kif ukoll biex inżommu l-interess tagħkom fil-fuljett.

Kellna wkoll laqgħa ma' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni dwar xi affarijiet li għandhom x'jaqsmu mad-delizzju tagħna li dettalji dwarha ssibuhom aktar l-isfel.

Bħalissa qed tiltaqa' l-Konferenza Dinjija tat-Telekomunikazzjoni fejn hemm numru ta' proposti li huma ta' nteress għalina bħala dilettanti tar-radju.

Aktar l-isfel se ssibu xi dettalji dwar dawn il-proposti kif ukoll l-aħħar aħbarijiet, u waqt li nittamaw li dawn jiġu milquha mill-Konferenza, nittamaw ukoll li fil-ħarġa li jmiss inkunu nistgħu nagħtu aktar tagħrif dwar jekk ġewx aċċettati.

Infakkrukom li l-aħħar tas-sena u l-bidu ta' sena ġdida dalwaqt magħna. Għalhekk is-Segretarju Finanzjarju jkun qed jistenna biex inthom tħallsu s-sħubija tagħkom għas-sena d-dieħla.

Bħala ħidma biex insaħħa l-Għaqda tagħna intbagħtet ittra lil dawk kollha li jidhru li għandhom liċenzja bħala dilettanti tar-radju imma li ma humiex membri, fejn ingħataw informazzjoni dwar l-aħħar żviluppi li kellna, biex jiġu mħajjra jidħlu magħna, u biex jekk ikunu jeħtieġu xi għajnuna fid-delizzju tagħhom ikellmuna.

Kien hemm tweġibiet u anki kien hemm nies li konna ilna ma narawhom fiċ-Ċentru tagħna li rajnihom jersqu lejna, u nittama li kulħadd jagħmel dak kollu li jista', kif fuq kollox huwa d-dmir ta' kull membru, ħalli nressqu aktar nies lejna u jħossuhom milquha.

Inrodd ħajr lil dawk kollha li jaħdmu u jagħtu sehemhom b'kull mod fl-interess ta' l-Għaqda tagħna waqt li nittama li l-informazzjoni fil-fuljett issibuha siewja għalikom u jekk ikollkom xi artiklu jekk jogħġobkom ħalluh fil-kaxxa tal-QSL tiegħi.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

Nifirħu lid-dilettanti ġodda

Illum nifirħu lil tnejn min-nies oħra li għaddew mill-eżami biex jiksbu liċenzja ta' dilettanti tar-radju fl-eżami li nżamm nhar is-Sibt, 20 ta' Ottubru, 2007. Dawn huma

Lawrence Aquilina
Joseph Borg

Nittamaw li dawn ma jdumux ma japplikaw għal-liċenzja ħalli nkunu nistgħu nkellmuhom fuq l-arja.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

AVVIŻ IMPORTANTI

Waqt laqgħa ma' l-Awtorita' tat-Telekomunikazzjoni fit-12 ta'Ottubru 2007 ġew iċċarati xi affarijiet li nixtiequ li d-dilettanti kollha tar-radju jkunu jafuhom ghax huma importanti ħafna.

L-EWWEL PUNT

l-Awtorita' tat-Telekomunikazzjoni sejra tibda tagħmel spezzjonijiet għand id-dilettanti tar-radju biex tkejjel il-livell tal-kamp elettromanjetiku waqt li d-dilettant tar-radju jintalab jibda jittrasmetti bl-apparat li jkollu fl-istazzjon tiegħu.

Dan sejjer isir biex l-awtoritajiet ikunu ċerti li s-saħħa tal-kamp elettromanjetiku ma tkunx għola mil-livelli li ġew rakkomandati minn organizzazzjonijiet relevanti minħabba l-effetti li jista' jkun hemm fuq is-saħħa minn radjazzjoni elettromanjetika.

Spezzjonijiet bħal dawn diġa' saru fuq l-istallazzjonijiet tat-telefonija ċellulari, stazzjonijiet tax-xandir tar-radju u televiżjoni, eċċ. minħabba tħassib li kien intwera mill-pubbliku.

Dawn l-ispezzjonijet saru wara li fil-media, kemm lokali u dik internazzjonali, kien intwera tħassib dwar effetti negattivi li jista' jkun hemm fuq is-saħħa tal-bniedem minn radjazzjoni elettromanjetika.

Għaldaqstant, din mhux biss m'hijiex xi ħaġa ġdida, imma kull dilettant tar-radju li jkun tkejjel il-saħħa tal-kamp elettromanjetiku ta' l-istazzjon tiegħu u jkun indikat li huwa fil-livelli rakkomandati jkollu fuqhiex iserraħ jekk għal xi raġuni jiġu bżonnu.

IT-TIENI PUNT

Għandu jingħad li huwa aħjar, anzi huwa teknikament rakkomandabbli, li jkollok amplifikatur ta' saħħa akbar milli tkun teħtieġ imma tużah b'saħħa anqas ħalli jkun qed jaħdem ixxamplat. B'hekk, l-amplifikatur ma jisħonx ħafna u jkun qed jaħdem tassew b'mod lineari filwaqt li ma jiġġenerax prodotti ta' intermodulazzjoni u prodotti oħra ta' distorsjoni.

Dan il-kunċett huwa magħruf bħala fattur ta' sigurta' ta' inġinerija u huwa obbligatorju meta' jkunu qed jiġu disinjati numru kbir ta' proġetti f'kull qasam. Biex nieħdu eżempju, jekk qiegħed jiġi disinjat bini, pont, sistema ta' distribuzzjoni ta' l-elettriku, u kull sistema oħra, imma speċjalment fejn jista' jkun hemm xi periklu irid jittieħed kont ta' dan il-fattur ta' sigurta' ta' inġinerija.

Biex wieħed jifhem aktar, jekk inti trid terfa' piż ta' 100 kilo ma tużax ħabel li jiflaħ itella 100 kilo, għaliex tkun qiegħed tissogra li jinqata', imma tuża ħabel li jiflaħ ħafna aktar piż ħalli tkun żgur li ma jinqatax.

Din is-sistema tintuża wkoll minn sistemi hi-fi, fejn is-saħħa ta' l-amplifikatur jew amplifikaturi tkun ħafna akbar minn dik li tkun meħtieġa ħalli l-ħruġ ikun jista' jinżamm fil-livell meħtieġ mingħajr distorsjoni tas-sinjali.

Din tapplika wkoll għall-amplifikaturi tal-frekwenzi tar-radju, u għalhekk huwa aħjar li jkollu amplifikatur li jkun kapaċi joħroġ saħħa aktar milli tkun teħtieġ milli jkollok wieħed ta' saħħa iżgħar imma jkun qiegħed jaħdem fil-massimu tiegħu biex itik **400 WATTS PEP** li aħna awtorizzati li nużaw fuq l-**SSB**.

Dan għaliex jekk biex itik il-**400 WATTS PEP** ikun qiegħed jaħdem fil-massimu tiegħu, barra li jisħon ħafna, il-valv jew valvi jew is-semikondutturi jinkeddu aktar u jkollhom ħajja anqas.

Barra minn hekk, il-possibilita' u l-probabbilta' hija li ma jkunx qed jaħdem b'mod lineari, bir-riżultat li jiġu ġenerati prodotti ta' intermodulazzjoni u prodotti oħra ta' distorsjoni bir-riskju li tista' tirriżulta xi interferenza u effetti oħra mhux mixtieqa bħal sinjali wiesha ż-żejjed.

Dan ifisser li huwa aħjar li inti jkollok amplifikatur lineari li jkun kapaċi joħroġ ħafna aktar minn **400 WATTS PEP** biex jaħdem paxxut, imma dejjem irid jiġi aġġustat biex is-saħħa li jittrasmetti biha ma taqbisx ħruġ ta' aktar minn **400 WATTS PEP** li aħna awtorizzati li nużaw u b'hekk ikun tassew qiegħed jaħdem b'mod lineari.

Dan qed ngħiduh għal żewġ raġunijiet.

L-ewwel nett, kull dilettant tar-radju għandu jkun kburi li teknoloġikament u prattikalment huwa jkollu u jittrasmetti l-aħjar u l-aqwa kwalita' ta' sinjal li t-teknoloġija tagħmel possibbli li jiġi trasmess.

Barra minn hekk, jista' jagħti l-każ li xi ħadd mill-Awtorita' tal-Komunikazzjoni jagħmel xi spezzjoni li semmejna aktar qabel u jgħid lid-dilettant tar-radju **biex jittrasmetti bis-saħħa massima**.

Dan ma jfissirx li għandu jittrasmetti bis-saħħa kollha li jkun kapaċi jagħti l-amplifikatur jekk ikun jista' jagħti ħruġ ta' aktar minn **400 WATT PEP**, imma jfisser biss li l-ħruġ għandu jkun sa **400 WATT PEP** u taħt l-ebda ċirkostanza ma jaqbeż l-**400 WATT PEP fuq l-SSB** li hija s-saħħa massima li d-dilettanti tar-radju jistgħu jużaw preżentament.

Għaldaqstant, il-kliem **saħħa massima** jfissru **is-saħħa massima li d-dilettanti tar-radju huma awtorizzati li jużaw** u mhux is-saħħa massima li l-apparat, jiġifieri l-amplifikatur lineari jkun kapaċi jagħti.

Dan ma jaffettwax lil dawk li għandhom permess li jistgħu jużaw saħħa akbar għall-moonbounce, jiġifieri meta jintbagħtu s-sinjali lejn il-qamar biex jiġu riflessi lura għal din is-sistema ta' komunikazzjoni. Huma jistgħu jibqgħu jużaw il-livell li huma awtorizzati għalih meta jużaw din is-sistema.

IT-TIELET PUNT

It-tielet punt li l-Awtorita tal-Komunikazzjoni xtaqet li nwasslulkom huwa dwar apparat li jiġi mpurtat minn barra minn fuq l'e-bay.

Apparat li jiġi mpurtat irid ikollu l-marka CE fuqu għax ma jkunx jista' jiġi awtorizzat biex jintuża f'Malta.

Dan huwa skond kif meħtieġ minn regolamenti ta' l-Unjoni Ewropea liema regolamenti iddaħħlu fil-liġijiet ta' Malta minħabba li huma applikabbli fil-pajjiżi membri kollha.

Għaldaqstant, kull min ikun se jimporta' xi apparat bħal dan minn pajjiżi li ma jkunux membri ta' l-Unjoni Ewropea għandu joqgħod attent li jkollu din il-marka għaliex l-apparat ma jieħdux.

Jekk ikun hemm xi diffikulta' jew ma jkunx ċert dwar dan għandu jikkomunika ma' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni bl-ispeċifikazzjonijiet ta' l-apparat ħalli ma jinqalgħux komplikazzjonijiet minħabba li l-apparat jiġi miżmum.

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

Konferenza Dinjija tar-Radju 2007

Dan ir-rappport dwar il-Konferenza Dinjija tar-Radju huwa msejjes fuq rapport imħejji minn David Sumner, K1ZZ.

Mit-22 ta' Ottubru sas-16 ta' Novembru qed tiltaqa' l-Konferenza Dinjija tar-Radju ġewwa Ġeneva, fl-Isvizzera. Din hija ta' nteress għad-dilettanti tar-radju għaliex hemm numru ta' proposti li jolqtu d-delizzju tagħna.

L-amministrazzjoni tal-Messiku ipproponiet li tiġi emendata t-Tabella tal-Frekwenzi biex tingħata allokazzjoni sekondarja lid-dilettanti tar-radju fid-dinja kollha bejn **5.260 MHz – 5.410 MHz.**

Din il-frekwenza qegħda bejn il-frekwenzi ta' **3.5 MHz** u **7 MHz**. Taħt ċerti kundizzjonijiet, l-għola frekwenza li tista' tintuża tkun inqas minn **7 MHZ** waqt li l-inqas frekwenza li tkun tista' tintuża tkun aktar minn **3.5 MHz**, il-propagazzjoni fuq il-**5 MHz** hija ideali.

Esperimenti wrew li allokazzjoni bħal din hija mportanti ħafna biex id-dilettanti tar-radju jagħtu l-għajnuna tagħhom billi jipprovdu komunikazzjoni waqt xi diżastru fejn l-infrastruttura tat-telekomunikazzjoni ma tkunx tista' tintuża.

Xi amministrazzjonijiet Ewropej għamlu proposta komuni biex tiżdied nota li tgħid li amministrazzjonijiet jistgħu jħallu stazzjonijiet tas-servizz tad-dilettanti tar-radju joperaw bejn **5.260 MHz – 5.410 MHz** fuq bażi sekondarja. Stazzjonijiet m'għandhomx jużaw saħħa ta' aktar minn 24 dBW (250 watts). Kuba pproponiet li proposta għal allokazzjoni bħal din għandha titpoġġa fuq l-aġenda tal-Konferenza li għandha ssir fl-2011.

Il-konferenza qegħda tikkonsidra wkoll allokazzjoni sekondarja għad-dilettanti tar-radju bejn **135.7 kHz – 137.8 kHz**. Aktar minn **20 Gvern** ħallew dilettanti tar-radju jesperimentaw fuq frekwenzi bejn is-**70 kHz** u l-**200 kHz**, waqt li **15-il Gvern Ewropew** taw permess lid-dilettanti tar-radju jużaw frekwenzi bejn **135.7 kHz – 137.8 kHz.** Hemm ukoll sostenn konsidereveli minn numru kbir ta' amministrazzjonijiet għal din il-proposta.

Jekk taħsbu li l-affarijiet isiru malajr għandkom tkunu tafu li diġa' qed jaħsbu għal proposti għall-konferenza li aktarx issir fl-2011 ħalli jkunu jistgħu jsiru l-kuntatti meħtieġa biex ikun hemm qbil u sostenn għal dawn il-proposti. Għalhekk il-IARU għandha x-xewqa li jkun hemm dawn il-proposti fuq l-aġenda tal-Konferenza.

Kif tafu, il-frekwenza tal-**50MHz** fir-Reġjun 1 hija bejn **50 MHz – 52 MHz**, waqt li fir-Reġjuni 2 u 3 hija bejn il-**50 MHz – 54 MHz**. Għalhekk hemm xewqa għal proposta biex din l-allokazzjoni tkun l-istess madwar id-dinja kollha, jiġifieri li l-frekwenza tkun bejn il-**50 MHz – 54 MHz**.

Kif tafu wkoll hemm numru ta' pajjiżi li taw allokazzjoni fuq il-**500 kHz** lid-dilettanti tar-radju biex jesperimentaw fuqha miħabba li din spiċċat tintuża mis-servizz tat-tbaħħir. Għalhekk qed isir xogħol biex issir proposta ħalli jkun hemm allokazzjoni primarja jew sekondarja lid-dilettanti tar-radju bejn **495 kHz – 510 kHz** biex ikunu jistgħu jiżviluppaw servizz ta' emerġenza bl-użu tal-mewġa ta' l-art.

Proposta oħra mixtieqa fuq l-aġenda hija li jkomplu jingħataw allokazzjonijiet 'il fuq minn **275 GHz** lid-dilettanti tar-radju.

Xewqa għal proposta oħra hija li għalkemm mhux ċert li se jkun hemm reviżjoni, jekk l-Istati Membri ta' l-ITU jiddeċiedu li jirrevedu l-allokazzjonijiet fuq l-HF ikun hemm tkabbir tal-frekwenzi ta' l-**10 MHz**, ta' l-**14 MHz** u tat-**18-il MHz**.

Kif tistgħu taraw qed nistennew żviluppi li m'hemmx dubju li huma ta' nteress għad-dilettanti tar-radju.

X’sar s’issa

Din il-parti qed tinkiteb il-Ġimgħa, 2 ta’ Novembru u għalhekk jekk ikun hemm xi aħbarijiet oħra qabel dan il-fuljett jitpoġġa fuq il-paġna ta’ l-internet naġġornawh.

Fi tmien it-tieni ġimgħa tal-Konferenza li għandha ddum 4 ġimgħat għad ma hemmx konklużjonijiet sodi dwar il-proposti għad-dilettanti tar-radju.

Il-proposti għal riallokazzjonijiet bejn l-**4 MHz** u l-**10 MHz** sabu ntoppi, fejn dawk li huma kontra t-tkabbir tax-xandir fuq il-frekwenzi qosra ma jridux tibdil.

Min-naħa tax-xandara li huma fil-biċċa l-kbira mill-Ewropa jidher li naqqsu t-talba tagħhom għal tkabbir minn **350 kHz** għal **200kHz**, imma jidher li ħadd ma jrid iċedi.

Minħabba l-waqfien dwar ir-riallokazzjonijiet bejn l-**4 MHz** u l-**10 MHz** il-proposta għal allokazzjoni fuq il-**5 MHz** għad-dilettanti tar-radju ma tistax tagħmel progress. Minkejja li se jiltaqgħu wkoll fi tmiem il-ġimgħa jidher li hemm intoppi u ma tantx se jsir progress u hemm nuqqas ta’ ħin biex isir ix-xogħol kollu.

Aktar kmieni deher li se jkun hemm qbil fuq allokazzjoni sekondarja għad-dilettanti tar-radju bejn **135.7 kHz** u **137.8 kHz**, imma xi Amministrazzjonijiet Għarab għadhom m’humiex sofisfatti u jrid isir aktar xogħol.

Dal-għodu (il-Ġimgħa 2 ta’ Novembru) l-allokazzjoni ġiet approvata fil-livell ta’ Grupp 4C b’żewġ noti, waħda li tillimita s-saħħa għal **1 Watt EIRP** u t-tieni li tħalli lil amministrazzjonijiet f’reġjun 1 li ma jagħtux l-allokazzjoni jekk ikunu jixtiequ.

Is-Sawdi Arabja irrepetiet l-oppożizzjoni tagħha u talbet li din tiġi nnotata fir rapport tal-Grupp lill-Kumitat 4. Din l-allokazzjoni għad trid tiġi approvata mill-Kumitat 4 u l-Plenarja. Il-laqgħa li jmiss tal-Kumitat 4 għandha ssir nhar it-Tlieta 6 ta’ Novembru.

Kumpaniji internazzjonali tat-telefonija mobbli jridu aktar spettrum għalihom u tefgħu għajnejhom bejn **2.3 GHz** sa **2.4 GHz** fejn hemm allokazzjoni għad-dilettanti tar-radju. Għalhekk irridu noqogħdu attenti għal xi żviluppi li jista’ jkunu hemm u għandna nagħmlu minn kollox ħalli theddid bħal dan ma jseħħx billi nużaw il-frekwenzi kollha kemm jista’ jkun.

Żvilupp tajjeb kien li numru ta’ pajjiżi qablu li jneħħu noti li kienu għamlu dwar allokazzjonijiet fuq il-**160** metru, **80** metru, **6** metri u **70** ċentimetru. Dawn in-noti kienu jħallu lil dawn il-pajjiżi li ma jagħtux jew ma jagħtux l-allokazzjonijiet kollha skond kif kien ikun maqbul dwar allokazzjonijiet internazzjonali u reġjonali.

Is-Sibt 3 ta’ Novembru kellhom jibdew taħdidiet dwar l-aġenda għall-Konferenza li jmiss fejn hemm il-proposti dwar allokazzjonijiet imsemmija aktar ‘il fuq, jiġifieri **500 kHz**, **5 MHz** u **50 MHz** fir-Reġjun 1.

Hemm aktar minn 40 proposta għal din l-aġenda u madwar nofshom iridu jtiru mill-aġenda għall-Konferenza li jmiss, għalkemm jistgħu jerġgħu jiġu proposti għal konferenza oħra.

Hemm numru sabiħ ta' dilettanti tar-radju li jew qed jirrappreżentaw lill-IARU jew huma parti mid-delegazzjonijiet nazzjonali. Madankollu ma rridux ninsew li l-interessi kummerċjali jagħmlu pressjoni qawwija għax għandhom interess finanzjarju qawwi.

Dawn id-dilettanti tar-radju kollha qed jieħdu sehem f'din il-Konferenza jew b'xi mod għenu biex id-delegati jkollhom impressjoni tajba tas-servizz li d-dilettanti tar-radju jagħtu f'emerġenza.

It-team tal-IARU kien magħmul mill-President Larry Price, W4RA; Ken Pulfer, VE3PU; President tar-Reġjun 2 Reinaldo Leandro, YV5AMH, u Paul Rinaldo, W4RI. Hans Zimmermann, HB9AQS, kien qed jgħin bit-trailer Ġermaniż dwar komunikazzjonijiet ta' emerġenza mid-dilettanti tar-radju. Is-Segretarju tal-IARU David Sumner, K1ZZ, wasal fl-24 ta' Ottubru u l-Viċi President tal-IARU Tim Ellam, VE6SH, wasal fit-30 ta' Ottubru. Xi wħud minnhom se jitilqu qabel tmien il-Konferenza.

Kien hemm ukoll għajnuna minn Tafa Diop, 6W1KI, li fl-ewwel nofs tal-Konferenza kien qiegħed jirrappreżenta lill-Unjoni Afrikana tat-Telekomunikazzjoni (http://www.atu-uat.org/.

Kien hemm ukoll numru ta' delegati nazzjonali, xi wħud minnhom part-time, jinkludu lil Jim Dean, VE3IQ (Kanada); Ole Garpestad, LA2RR (Norveġja); Hans Blondeel Timmerman, PB2T (Olanda); Jay Oka, JA1TRC (Ġappun); Peter Lake, ZL2AZ (New Zealand); Keith Malcolm, VK1ZKM (Awstralja); Colin Thomas, G3PSM (UK); Walt Ireland, WB7CSL (USA); Jonathan Siverling, WB3ERA (USA), and Joong-geun Rhee, HL1AQQ (Republika tal-Korea).

Kien hemm ukoll numru ta' membri ta' delegazzjonijiet nazzjonali, kemm liċenzjati kif ukoll le qed ikunu ta' għajnuna u s-sostenn u l-koperazzjoni tagħhom huma apprezzati ħafna.

Aħna nżommukom infurmati b'kull żvilupp .

500 kHz

La qegħdin nitkellmu fuq frekwenzi oħra, fit-8 ta' Ottubru fis-2.11 ta' filgħodu ħin UTC, VE1VDM irċieva s-sinjali mingħand GI4DPE fuq frekwenza ta' **501.316 kHz**.

Ir-riċevitur kien R75 u l-antenna kienu żewġ fili ta' 1,000 pied il-waħda li ma kienux terminati.

Id-direzzjoni tal-fili kienu wieħed Tramuntana/Nofs in-Nhar u l-ieħor Lvant/Punent. Is-saħħa tat-trasmettitur ta' GI4DPE kienet ta' **100 mWatts**. Il-lokatur ta' VE1DVM huwa FN85ki

Lawrence 9H1AV / 9H9MHR

Ittra minn visitatur

Hi kulħadd.
Jiena nixtieq nieħu din l-opportunita' biex inrodd ħajr lill-MARL u l-membri tagħha għall-għajnuna, kuntatti, il-laqgħa u l-esperjenza soċjali qabel u matul iż-żjara tagħna f'Malta u Għawdex aktar kmieni din is-sena.

Sa mill-ewwel e-mails lill-Ivan, 9H1PI, is-sejħiet lis-Sur Saliba, il-Konslu Onararju ta' Malta fl-Afrika tan-Nofs in-Nhar, in-nies li jgħinuk tal-Pulizija tas-Sigurta', is-Sur Brian Sghendo ta' l-Awtorita' tal-Komunikazzjoni ta' Malta, in-nies ta' l-Air Malta, il-festival tal-Frawli, is-Suq tas-Snajja, il-bastiment tal-Gozo Channel, il-Blue Grotto, il-Belt Siekta, Valletta, Maurice tal-Fidda, il-ġelat, il-Pergola, it-titjira lura tagħna, esperjenza tassew sabiħa f'ħajjitna.

Waħda mill-esperjenzi tal-ġimgħa li għamilna kienet iż-żjara fiċ-Ċentru tal-MARL u l-esperjenza sabiħa u n-nies dħulin li ltqajna magħhom hemmhekk. Radd il-ħajr speċjali lill-Ivan 9H1PI, Robin 9H1ZZ, Christino 9H5SC, Oscar 9H1RK li għinna biċ-ċellulari tiegħu, Steve 9H1CS li offra ċ-ċellulari l-ieħor tiegħu, u l-aħħar imma mhux l-inqas lil Stanley 9H1LO, li kollha tawna l-għajnuna u ġiegħluna nħossuna milquhin.

Minħabba li din kienet l-ewwel btala tagħna barra mill-Afrika tan-Nofs in-Nhar, aħna ċerti li ż-żjara tagħna f'Malta se tkun dejjem parti mill-memorji tagħna. Ħbiebna s-soltu jistaqsu "għalfejn Malta?" u aħna ma nieqfux nitkellmu dwar iż-żjara tagħna.

Grazzi lilll-Ivan, jiena issa qiegħed fuq l-Echolink u se nidħol fuq ir-repeater tagħkom minn żmien għal żmien.

Lin-nies li jżommu l-paġna ta' l-internet tal-MARL u l-Fuljett tal-MARL, grazzi u komplu sejrin bix-xogħol tajjeb. Jiena viżitatur regolari u qarrej ħerqan.

Inroddilkom ħajr.
73.
Andre – ZR6AGA, ex 9H3DP and xyl Petro.
South Africa.

Għall-bejgħ

Kenwood TS 870S LM550
Kenwood power supply PS-53 LM95
Kenwood speaker SP-31 LM20
Kenwood mike model MC90 £M60
Kenwood mike model MC 70 kważi ġdida Lm45
Linear Amplifier Dentron GL-1000, frekwenzi kollha, valvi u transformer ġodda Lm250.
SWR meter sa 2000 watts
Affarijiet oħra bħal fil u mutur ta' l-antenna bil-bearings, prezz tajjeb
Nista' nbiegħ kollox f'daqqa
Charles Gatt toyboy@onvol.net

Ritratti tal-BBQ li sar f'Settembru 2007

9H1AQ

9H1AJ

9H1AT

9H1AJ 9H1AQ 9H1JT

9H1EI 9H1XT 9H1JT 9H1AQ

Parti mid-Dxpedizzjoni Olandiża

Prosit u radd il-ħajr lil kull min ħadem u għen biex dan il-BBQ jkun suċċess, kemm nisa u kemm irġiel, speċjalment lil dawk kollha li mis-Sibt filgħodu rmaw l-imwejjed, siġġijiet u lestew l-ikel, lil dawk li ħadu ħsieb il-bottegin u dawk li l-għada l-Ħadd ġew inaddfu u jaħslu l-platti, pożati u affarijiet oħra.

Fil-paġna li jmiss hemm ritratti ta' xogħol ta' tiswija fuq l-aerials li għandna fiċ-Ċentru li kienu jeħtieġu manteniment tajjeb. Radd il-ħajr imur għal dawk kollha li ħadu sehem u ħadmu biex irranġawhom, bħal ma jmur għal dawk kollha li b'xi mod għenu u jgħinu fix-xogħol kollu li tkun teħtieġ l-Għaqda tagħna minn żmien għal żmien.

Tiswijiet ta' l-Aerials Settembru 2007



Darb'oħra nġibulkom ritratti tal-membri tal-MARL li ħadu sehem fl-Iljieli Mdawwlin fil-Belt Valletta flimkien mad-Dipartiment tal-Protezzjoni Ċivili. Se nġibulkom ukoll ritratti tal-Pasta Night li kellna nhar is-Sibt 27 ta' Ottubru fiċ-Ċentru tal-MARL.